Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL- ĦAMSA u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2013

**Ħin:** Mid-9am sal-10.30am

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlieta u Tletin Laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2013 kif ukoll il-minuti tat-Tlieta u Erbgħin Laqgħa urġenti ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Ma kienx hemm kummenti

**3. Finanzi:**

(a) Ħlas ta' Pagament mill-Kunsill b'konnessjoni mal-proġett ta' tisbieħ ERDF 205 rigward is-servizzi ta' l-ilma.

Is- Segretarju poġġa fuq il-mejda kont ta' Camray Ltd rigward pagament li jrid isir mill-fondi tal-Kunsill fir – rigward tal-Proġett ERDF 205 fuq xogħolijiet li saru in konnessjoni mas-servizzi tal-ilma. Il-Kunsill approva dan il-pagament

(b) Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-20 ta' Diċembru 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' €16,769.56.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**4. Akkumulazzjoni ta' siegħat tal-leave mis-sena 2013 għal 2014**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba tas-Sinjorina D. Farrugia biex terfa' 40 siegħa leave għas-sena 2014, kif ukoll talba tas-Segretarju biex jerfa 40 siegħa mill-leave tiegħu. Il-Kunsill approva unanimament.

**5. Korrispondenza**

Ittra Nru 3499: Ittra mingħand Dr. Reuben Farrugia LLD fejn qed jikteb għan-nom ta' Kola Store fejn qed jallega li kien hemm nuqqas grossolan ta' pjanar li b'konsegwenza qed isofru danni serji. Il-Kunsill talab lis – Segretarju biex ikellem il-Perit għal-kummenti tiegħu u wara l-Avukat tal-Kunsill biex iwieġeb għal din l-allegazzjoni.

Ittra Nru 3516: Ittra mingħand id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prioritajiet fejn infurmaw lill-Kunsill li l-Proġett tat-Tisbieħ tal-Pjazza ERDF 205 ġie estiz sal-aħħar ta' Marzu 2014.

Ittra Nru 3503: Email mingħand is-Sur Manuel Camilleri fuq il-periklu li jeżisti fuq is-saqaf tal-latrina fil-pjazza li huwa faċilment aċċessibbli biex tiġi infurzata xi tip provvediment f'dan ir-rigward mill-Kunsill u b'hekk jiġi evitat kull periklu. Il-Kunsill ser jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

Ittra Nru. 3502: MEMO 31 /2013 - Identifikazzjoni ta' Binjiet fil-Lokalitajiet biex isir l-Eżerċizzju tat-Tiġdid tal-Karti tal-Identita. Il-Kunsill talab lis-segretarju biex jissuġġerixxi s-Sala Aurora lill-awtoritajit kif ukoll jikteb lill-Kappillan biex jara jsibx oġġezzjoni.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ

**6. Rapport dwar L-Ilmenti**

Ilment Nru. 17013061202474: Suġġeriment biex jinżebgħu bl-abjad it-truf tal-bankini fejn il-każin tal-PN.

**7. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku beda biex irringrazzja lill-Kunsilliera tal-ħidma tagħhom għal din is-sena li ma kienitx sena faċli hekk kif konna dħalna fl-eqqel tal-Proġett tal-Pjazza. Huwa rringrazzja l-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol siewi li għamlu matul din is-sena. Huwa jittama li s-sena 2014 tkun aħjar, fejn il-ħidma ppjanata tal-Kunsill tiġi mwettqa bl-aħjar mod.

**8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sur Desmond Zammit Marmara':

Is- Sur J.Pullicino kellem lilu biex jitwaħħal bollard fiss bejn iz-zuntier u l-Kazin San Gabriel. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex iġib xi kwotazzjonijiet ta' tip ta' bollard li jinqala' biss biċ-ċavetta

Semma l-problema ta' xogħolijiet li baqgħu jsiru mingħajr permessi meħtieġa fi Triq il-Ferrovija. Is-Segretarju wieġeb li jekk mhux ser ikun il-Pulizija li jinfurzaw, il-problema ser tibqa' tippersisti għaliex bħala Kunsill ma nistgħux ninfurzaw. Rapport irid isir l-Għassa ta' Birkirkara għax ta' Ħal Balkzan qed tkun magħluqa.

Huwa tkellem ukoll fuq il-Lejla Balzanija fejn qed jissuġġerixxi li din-serata issir in konġunt mal-Jum Ħal Balzan peress li l-Għid Il-Kbir ġej tard kif ukoll f'Ġunju hemm il-World Cup. Il-Kunsilliera laqgħu s-suġġeriment tiegħu u ssir attivita' waħda.

Is- Sur Stephen Gatt:

Ik-Kunsillier xtaq jikkundanna l-att vandalu li sar fuq il-plakka li twaħħlet mal-Każin San Gabriel in konnessjoni mal-proġett ERDF 205.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta'Jannar 2014 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data